MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 57/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta’ Frar 2008, li permezz tiegħu r-rikorrent espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu f’Malta fis-sbatax (17) ta’ Ġunju tas-sena elfejn (2000), liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta (Dok. A).

2. Illi miż-żwieġ tagħhom ma kellhomx tfal.

3. Illi ż-żwieġ tagħhom hu vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess tal-kontendenti jew min minnhom, kif ukoll *stante* li l-kunsens tal-konvenuta kienet vizzjat peress li ma kienetx kapaċi tassumi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni.

4. Ukoll illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' wieħed mill-elementi taż-żwieġ;

5. Illi fil-fatt il-ħajja miżżewġa tal-partijiet damet ċirka sena u nfirdu fis-sena elfejn u wieħed (2001) u anke f'dawk il-ftit xhur li kellhom tal-ħajja miżżewġa, ma kellhomx komunjoni tal-ħajja li hija essenzjali għaż-żwieġ kif jirriżulta fit-trattazzjoni.

6. Illi dan kollu kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7. Għalhekk dan iż-żwieġ huwa null u bla ebda effett skond il-Liġi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-inċiżi (d) u (f) tas-sub-artikolu wieħed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iż-Żwieġ tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sebgħin (1975) (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta) kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti f'Malta fis-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn (2000) (Dok A) huwa null u bla effett skond il-Liġi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-inċiżi (d) u (f) tas-sub-artikolu wieħed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iż-Żwieġ tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sebgħin (1975) (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk tordna li issir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taż-Żwieġ relattiv.

2. Bl-ispejjeż kontra l-intimata nġunta minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ppreżentata fit-18 ta’ April 2008, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi m’huwiex minnu li ż-żwieġ in kwistjoni hu vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-istess min-naħa tal-eċċipjenti iżda huwa minnu li tali kunsens kien vizzjat b’dan il-mod min-naħa tal-istess attur.

2. Illi lanqas ma huwa minnu li l-kunsens tal-eċċipjenti kien vizzjat peress li ma kienetx kapaċi tassumi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ iżda kien l-istess attur li kien inkapaċi f’dan is-sens.

3. Illi m’huwiex minnu lanqas li l-kunsens tagħha nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta’ xi wieħed mill-elementi taż-żwieġ.

4. Illi għalhekk jekk tiġi akkolta t-talba tan-nullita’ taż-żwieġ, l-eccipjenti m’għandhiex tissubixxi xi spejjeż ta’ din il-kawża.

Rat il-lista tax-xhieda;

Rat l-atti proċesswali;

Rat l-affidavit tal-attriċi u tal-konvenut;

Semgħet il-partijiet in kontro-eżami u semgħet ukoll il-kontro-eżami ta’ _______________;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fis-17 ta’ Ġunju 2000 a bażi tal-Artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenuta filwaqt li tiċħad li ż-żwieġ għandu jkun annullat minħabba

difetti attribwibbli lilha, tgħid li ż-żwieġ huwa null għal raġunijiet imputabbli lill-attur; iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kappriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju."* (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Illi l-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Joseph Zammit vs Bernardette Zammit"** (27 ta' Jannar, 2006):

*"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti tal-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affetwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta' min jenfasiżża hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha mpossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

Illi fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru, 1994), **"Robert**

**Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru, 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu, 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Illi fil-każ in eżami, kif jidher mill-atti, il-partijiet isseparaw inqas minn sentejn wara li żżewġu; skond il-partijiet huma għexu ta' miżżewġin biss għal ċirka sena. L-għerusija ta' bejniethom kienet waħda tista' tgħid normali u kienet pjuttost duratura. Għalhekk huwa sorprendenti l-fatt illi mbagħad isseparaw tista' tgħid mill-ewwel. Dan ġara għaliex kif irrimarkat il-konvenuta, l-attur kien possessiv fil-konfront tagħha u minn dak li semgħet il-Qorti l-istess Qorti hija konvinta li kif appena berraq, l-istess konvenuta iddeċidiet mill-ewwel li ma tibqax tgħix ta' mara miżżewġa. Huwa għalhekk evidenti li kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju da parti tat-tnejn li huma; l-attur għax messu jaf illi ż-żmien tar-raġel awtoritarju ilu li suppost għadda u l-konvenuta kien messha ndunat b'dan l-atteġġjament qabel iż-żwieġ, *una volta* kien hemm għerusija ta' ċertu numru ta' snin li suppost serviet għalhekk.

**Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet fis-17 ta' Ġunju 2000;**

**Spejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------